MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 2653/1996/1

**Natasha Agius f'isimha proprio u f'isem binha minuri Tristan**

**vs**

**Anthony Agius**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici ilha mizzewga lill-konvenut mis-27 ta' April 1990 u minn dan iz-zwieg twieled Tristan ta' hames snin;

Illi l-konvenut sar hati ta' ngurji gravi, sevizzi, mohqrija lejn; martu, u hajja bla kont. Fil-fatt il-konvenut kien waqa' fil-vizzju tad-droga u gieli anke njetta d-droga quddiem ibnu stess;

Illi hu fl-aqwa nteress tat-tfal kemm mil-lat morali kif ukoll mill-lat materjali li dawn jibqghu fil-kura u l-kustodja ta' ommhom u li kull access ghalihom ikun sorveljat;

Illi ghalhekk il-konvenut kisser dan iz-zwieg minhabba li sar hati ta' ngurji gravi, sevizzi mohqrija lejn martu u hajja bla kont; u b'hekk ukoll dan iz-zwieg gie rez impossibbli minhabba nkompatibbilta' ta' karattru;

Illi l-attrici gabet l-awtorizzazzjoni biex tipprocedi ghas-separazzjoni permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla numru 928/96 li qed jigi anness bhala dokument "A".

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba illi l-konvenut sar hati ta' ngurji gravi, mohqrija lejn martu; u hajja bla kont, maghmula mill-konvenut u *ai termini* tal-Kodici Civili u minhabba inkompatibilta' ta' karattru;

2. Tiddikjara u tordna li l-istess konvenut jitlef id-drittijiet kontemplati fl-artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili u tapplika kontra l-konvenut a favur l-attrici d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

3. Tordna t-tmiem u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

4. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u taqsam l-istess bejn il-kontendenti nofs kull wiehed b'dan pero' li lill-attrici ghandhom jigu assenjati fl-intier taghhom l-akkwisti li saru bil-hidma taghha u jinghatalha lura dak li hi tat lill-konvenut b'donazzjoni bil-hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg jew b'xi titolu iehor;

5. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri Tristan tigi fdata f'idejn l-attrici u tordna li kull access tal-konvenut ghall-minuri jsir fil-prezenza u taht sorveljanza skond kif tiddeciedi din il-Qorti.

6. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentarji fil-gimgha ghaliha u ghat-tifel minuri skond kif tistabbilixxi dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut minn issa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 7 tal-process;

Rat il-verbali tad-29 ta’ Jannar 1998 u tal-24 ta’ Marzu 1998.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-3 ta’ April 1998 fejn talbet l-awtorizzazzjoni biex in-notifika lill-konvenut issir wara l-hinijiet legali, liema talba giet milqugha mill-Qorti b’digriet tas-17 t’April 1998.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Lulju 1998 fejn il-Qorti akkordat terminu ta’ ghoxrin gurnata lill-konvenut debitament notifikat biex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-22 ta’ Lulju 1998 a fol. 18 fejn gie eccepit:-

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi ddikjarat null, b’tort unikament imputabbli lill-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 19 tal-process.

Rat il-verbali tas-16 ta’ Settembru 1998 fejn sar ftehim biex jigu mibdula l-eccezzjonijiet tal-konvenut biex jirrispekkjaw it-talbiet tac-citazzjoni odjerna. Il-Qorti nnominat lil Dr. Monica Borg Galea bhala Assistent Gudizzjarju; tal-4 ta’ Marzu 1999; tat-28 ta’ Mejju 1999;

tad-29 ta' Ottubru 1999; tal-5 ta' April 2000; tat-23 ta' Mejju 2000; tal-24 ta' Novembru 2000; tat-13 ta' Gunju 2001; tad-19 ta' Settembru 2001; tad-9 ta' Jannar 2002; tas-26 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tat-18 ta' Gunju 2002 fejn Dr. Ray Zammit ghall-attrici nforma lill-Qorti li ma nzammet l-ebda seduta peress li l-klijenta tieghu ma kkomunikatx mieghu. Il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u ddiferiet il-kawza Sine Die.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-11 ta' Lulju 2002 fejn talbet li l-kawza tigi riappuntata.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 16 ta' Awissu 2002 fejn laqghet it-talba filwaqt li tat digriet tal-affidavits tal-konvenut.

Rat in-nota tal-attrici tat-13 ta' Awissu 2002 fejn pprezentat affidavit taghha stess u anke ddikjarat li ghalqet il-provi taghha.

Rat il-verbal tal-20 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata tal-affidavits tal-konvenut b'erbghin (40) gurnata ohra; u tat-12 ta' Frar 2003 fejn peress li l-konvenut baqa' ma deherx, Dr. Ray Zammit ghall-attrici ddikjara li komunjoni m'hemmx x'jigi likwidat, li l-kura u kustodja tinsab f'idejn l-attrici, li access ma hemmx peress li l-konvenut ilu ma jara lill-minuri almenu ghal tliet snin, u li bhalissa l-konvenut mhux impjegat. In vista ta' dan talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet it-talba u ddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-lum 13 ta' Marzu 2003 meta regghet thalliet ghas-sentenza ghall-20 ta' Mejju 2003 *stante* li l-affidavits attrici kienu ghadhom ma gewx notifikati.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 30 t'April 2003 fejn talbet li l-affidavits taghha jigu nofitikati permezz tal-procedura tal-affidavits.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-2 ta' Mejju fejn laqghet it-talba u ordnat li tali notifika issir *ai termini* tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap 12 b'dan li l-pubblikazzjoni ssir fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali wahda.

Rat ir-riferti a tergo fol. 66 fejn tidher li saret il-pubblikazzjoni tan-nota bl-affidavits attrici fil-Gazzetta tal-Gvern, u dik a tergo fol. 60 fejn jirrizulta li l-konvenut gie anke notifikat personalment bl-istess affidavits permezz tal-procedura tal-affissjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (a) Provi Prodotti.

Illi l-attrici **Natasha Agius** permezz tal-affidavit taghha sostniet illi:-

*"Jiena ghandi tletin (30) sena u noqghod Marsaxlokk. Jiena iltqajt ma' Anthony meta kelli (16) sittax-il sena u anke hu kellu l-istess eta'. Jiena lilu ma kontx nafu qabel iltqajt mieghu u bdejna nohorgu flimkien. Kont ghadni tfajna zghira u ma kellix mohh li nizzewweg.*

*Ir-relazzjom dak iz-zniien kienet wahda normali nohorgu u niddivertu flimkien. Pero' wara xi sena u nofs li konna ilna nohorgu flimkien jien skoprejt illi kien ser ikolli tarbija. Immedjatament skoprejt li kien ser ikolli tarbija jien dahhaltha f'rasi li ridt nizzewweg. Anthony ukoll kien qalli illi galadarba ser ikollna tarbija kellna nizzewgu. Il-genituri tieghi ma xtaqux illi nizzewweg biss minhabba t-tarbija. Huma ukoll kienu jissuspettaw illi Anthony kien ihawwad fid-droga.*

*Madanakollu jiena xorta wahda ridt nizzewweg minhabba t-tarbija li kienet gejja fid-dinja. Infatti, wara xi erba' xhur minn meta kont naf li ser ikolli tarbija ahna konna*

*zzewwigna. Fil-fatt ghandi nghid li jiena ftaht kawza ukoll ghal annullament.*

*Peress illi z-zwieg ma kienx ippjanat qabel ma sirna nafu bit-tarbija ma kellna xejn organizzat. Infatti, l-ewwel sena ta' zwieg qattajnijha ma' ommi, meta morna noqodu fi 'flat' f'Sta Lucia. Wara li morna hemm l-atteggjament tieghu beda jinbidel. Sirt naf dak iz-zmien illi Anthony kien beda jmur ghall-konsulti ghand it tabib minhabba d-droga. Wara ftit hu telaq l-ewwel darba mid-dar minghajr ma qalli fejn kien sejjer u dam gurnata u nofs u hadd ma kien jaf fejn mar. Meta gie lura qalli li kellu bzonn l-ghajnuna ghax il-vizzju tad-droga kien rikbu, jiena kont lesta naghtih is-sostenn tieghi u anke missieri. Pero' minkejja dan hu rega' waqa' u l-problema kompliet tikber sakemm jien kelli nitlaq mid-dar.*

*Kien ikollna argumenti kbar u jiena ma stajtx niflah aktar dik il-hajja li kien garrni fiha zewgi. Jiena tlaqt mid-dar u hu rega' dahal jaghmel programm iehor Santa Mania. Il-programm ma komplihx; jiena hsibt li ser jinbidel u ergajt mort id-dar. Fil-fatt wara ftit rega' beda jiehu d-droga u jiena ghalhekk ergajt tlaqt. Hu fil-fatt lanqas biss baqa' jahdem. It-tifel issa kellu hames snin u wkoll beda jifhem certu affarijiet. Jiena ma xtaqtx li t-tifel jibqa' espost ghal dan l-ezempju. Fil-fatt zewgi gieli ha d-droga id-dar. Jiena issa ghalhekk iddecidejt li jigri x'jigri jiena kelli nitlaq. U hekk ghamilt.*

*Id-dar li konna nghixu fiha kienet mikrija. Jiena issa mort noqghod ma' ommi u hemm ghadni nghix. Allahares ma sibtx il-farag u l-ghajnuna taghhom biex inrabbi lil ibni. Jiena nahdem u zewgi ghadu sal-lum ma jahdimx sa fejn naf jiena. Lanqas biss icempel jew jigi biex jara lit-tifel. U jekk jigi ghandi dubju jekk ghandix nurihulu jew intihulu, u dan peress li hemm ir-riskju li jesponih ghal certi hbieb hziena li ghandu. Illum it-fifel ghad ghandu (11) hdax-il sena u jekk irid jarah irid jarah quddiemi. Ma nistax nafdah lil zewgi aktar u aktar meta niftakar li anke quddiemu kien jiehu d-droga minkejja t-twiddib konsistenti tieghi.*

*Fil-'flat' li kellna li kien mikri baqa' jghix zewgi. Jiena hallejt kollox hemm u ma jinteressani li niehu xejn minn hemm. Dwar il-proprjeta' nista nghid li kulhadd ghandu f'idu l-oggetti li kienu tieghu u b'hekk ma hemm xejn aktar x' jinqasam. Ghandi kont kurrenti li fih tidhol il-paga tieghi.*

*Ghandi nghid li bil-vizzju tad-droga zewgi kien fnieni u llum kemm jiena kif ukoll ibni qeghdin nghixu hajja hafna ahjar minn dik li konna nghixu meta konna ma' zewgi. Ghalkemm ghandi paga zghira din qed nuzaha biex nghix jiena u biex nghijjex lil ibni".*

**(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti dwar ir-raguni li tat bidu ghat-talba ta' separazzjoni personali jirrizulta mill-provi prodotti li din it-talba ghandha tintlaqa' peress li jirrizulta li l-konvenut kwazi qatt ma ta kaz tal-familja tieghu, tant li ftit jew xejn hadem, bil-konsegwenza li naqas li jmantni lil familja tieghu tul il-konvivenza tieghu mal-attrici.

Illi jirrizulta ineffetti li sfortunatament il-konvenut kellu l-vizzju tad-droga u r-relazzjoni mal-attrici anke minhabba dan il-vizzju giet dominata minn inkwiet, argumenti u glied.

Illi ghalhekk l-attrici minhabba dan l-agir tal-konvenut kienet kostretta li ddur ghall-ghajnuna ghand il-genituri taghha apparti li maz-zmien kellha tohrog tahdem.

Illi mhux hekk biss izda minhabba l-aggressivita' tal-konvenut fl-argumenti li kienu jinqalghu d-dar, ghalkemm ma jidhirx li huwa refa' jdejh fuq l-attrici jew binhom, hija kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali anke sabiex il-konvenut ma jesponix lil ibnu ghall-istess vizzju li bih kien inhakem. U ghalhekk fl-isfond ta' dan kollu jirrizulta li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha *stante* li l-konvenut irrenda ruhu hati versu l-attrici ta' ngurji gravi, sevizzi u mohqrija.

Illi dwar it-tieni talba attrici u anke minhabba l-hajja persistenti bla kont li ghex fiha l-konvenut, jidher li din it-

talba ghandha tigi milqugha b’applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili.

Illi t-tlielet talba b’konsegwenza ta’ dak hawn deciz ghandha tigi wkoll milqugha u l-Qorti tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b’effett mill-1 ta’ Lulju 1996, data meta l-attrici bdiet il-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili.

Illi peress li mill-provi ma jirrizultax illi l-komujoni tal-akkwisti ghandha xi ta’ valur fiha, isegwi li m’hemm xejn x’jigi likwidat u diviz mill-istess komunjoni.

Illi din it-talba ghandha tigi milqugha b’dan li l-kura u kustodja ta’ Tristan ghandha tigi fdata f’idejn l-attrici u dan bla ebda dritt ta’ access ghalih mill-konvenut minhabba dak fuq premess, inkluz il-fatt li l-konvenut jidher li apparti l-vizzju li ghandu u li naqas li jmantni l-istess minuri ma tantx wera nteress u hegga sabiex almenu jara lil minuri, jew almenu jsaqsi dwaru.

Illi dwar is-sitt talba, peress li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenut ghandu xi mpjieg, ma tista’ ghalhekk tigi likwidata u ffissata l-ebda somma ta’ manteniment ghall-attrici u binha, ghalkemm din il-Qorti tafferma li fic-cirkostanzi idonei l-attrici u binha ghandhom dritt ghal tali manteniment. Ovvjament dwar il-manteniment tal-attrici jinghad li jidher li llum hija kapaci tmantni lilha nfisha peress li ghandha mpjieg kif jirrizulta anke mill-verbali tas-seduta tat-12 ta’ Frar 2003.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, anke peress li m’ghandhom x’jaqsmu xejn mat-talbiet attrici, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan u fis-sens hawn deciz, b’hekk illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba illi l-konvenut huwa hati ta’ ngurji gravi, mohqrija lejn martu; u ghalhekk din is-separazzjoni

personali qed tigi dikjarata ghar-ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut.

2. Tiddikjara u tordna li l-istess konvenut jitlef id-drittijiet kontemplati fl-**artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili** u tapplika kontra l-konvenut a favur l-attrici d-dispozizzjonijiet tal-**Artikolu 48 tal-Kodici Civili**;

3. Tordna t-tmiem u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dan b'effett mill-1 ta' Lulju 1996;

4. Dwar it-talba sabiex din il-Qorti tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u taqsam l-istess bejn il-kontendenti nofs kull wiehed b'dan pero' li lill-attrici ghandhom jigu assenjati fl-intier taghhom l-akkwisti li saru bil-hidma taghha u jinghatalha lura dak li hi tat lill-konvenut b'donazzjoni bil-hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg jew b'xi titolu iehor, peress li mill-provi ma rrizultax li tali komunjoni tikkonsisti f'xi oggetti ta' valur, qed jigi dikjarat li m'hemm xejn x'jigi likwidat u diviz mill-istess komunjoni.

5. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri Tristan tigi fdata f'idejn l-attrici bla ebda dritt ta' access lill-konvenut.

6. Peress li l-attrici ddikjarat anke b'verbal tat-12 ta' Frar 2003 li hija tahdem u ghalhekk ghandha ntrojtu taghha, u *stante* li jirrizulta li l-konvenut m'ghandux impjieg, din il-Qorti ma tistax kif mitluba fis-sitt talba tiffissa retta alimentari ghall-manteniment tal-istess attrici. B'danakollu jibqa' riservat id-dritt ta' manteniment ghall-istess attrici u binha mill-konvenut jekk ic-cirkostanzi jitbiddlu u jkun hemm lok li skond il-ligi tigi vantata tali talba, filwaqt li din il-Qorti tafferma d-dritt tal-attrici ghaliha u ghat-tifel minuri li hija tvanta tali dritt fil-futur, fil-kaz opportun.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------